A.L. 277 ta' l-2010

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-2010 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2010 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-12 ta' April, 2010.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) L-art li fuqha jinsab blokk ta' żewġ appartamenti fi Triq Anġlu Mallia, Birkirkara, li għandhom dħul minn bieb numru 44. Din l-art hi ta' madwar 10.05 metru kwadru fil-pjan terren, u 44.98 metru kwadru fl-ewwel sular, fit-tieni sular u l-bejt kif indikat delineat bl-aħmar fuq il-pjanta Pd 294_2004. Din l-art tmiss mill-Majjistral u Nofs-in-Nhar ma' proprjetà privata u mil-Lvant ma' Triq Anġlu Mallia, u li tinsab reġistrata bħala Tenement no. E20511 mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern. L-art għaddiet għand il-Gvern bil-kuntratt 218/88 tal-24 ta' Awissu, 1988 fl-atti tan-Nutar V. Miceli. (HAM 24/90; L.519/82).

(2) Tliet biċċiet art magħrufin bħala Plots 12, 13 u 14, fi Triq San Vinċenz de Paola, Luqa, taħt l-Iskema biex Persuni Jsiru Sid Darhom, ta' madwar 472.50 metru kwadru. Din l-art

tmiss mill-Grigal, Majjistral u Lbiċ ma' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar u mix-Xlokk ma' Triq San Vinċenz de Paola. Dawn il-biċċiet art huma delineati bl-aħmar fuq il-pjanta PD 2010_132 u jinsabu reġistrati mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern bħala Tenement no. 50107 u ġew akkwistati b'kuntratt 26 tat-3 ta' Frar, 2010 fl-atti tan-Nutar D. Charles. (HAM 1/87; L. 180/79/V).

(3) Biċċa art, magħrufa bħala Plot 33, fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, Qasam tad-Djar tal-Gvern, limiti tal-Mellieħa, ta' madwar 191 metru kwadru u li tmiss mill-Grigal ma' Triq il-Mitħna l-Ġdida, mix-Xlokk ma' passaġġ pubbliku u mil-Lbiċ ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar. Din il-biċċa art hi soġġetta għal ċens temporanju għal perjodu ta' 150 sena skond Kuntratt Nru. 232 tal-11 ta' Awissu, 1969 fl-atti tan-Nutar A. Grech, u li tinsab reġistrata fir-*records* tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement no. 65352, u li hi delineata bl-aħmar u markata "P. 33" fuq il-pjanta L.D. 383/91/6. (HAP 6/2009; L. 88/66/33).

(4) Biċċa art ta' madwar 3,807 metru kwadru, magħrufa bħala Sit Ċ u li tikkonsisti f'46 *maisonette* bin-numru minn 1 sa 46 u 77 sottostanti *garages* fi Triq Burma, Pembroke. Din il-biċċa art tmiss mill-Majjistral ma' Trejqet il-Beatu Nazju Falzon, mill-Grigal ma' Triq Burma u mix-Xlokk ma' Trejqet il-Beatu Dun Ġorġ Preca, u li hi delineata bl-aħmar fuq il-pjanta PD 2008_392 u li tinsab reġistrata mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern bħala Tenement no. E20811. (HAM 20/98 vol. 4; L. 290/2005).

(5) Biċċa art ta' madwar 880 metru kwadru, magħrufa bħala Sit D u li tikkonsisti fi 8 *maisonettes* bin-numru minn 55 sa 62 u 17 sottostanti *garages* u art fi Triq il-Kurunell Cocks u Triq Tunis, Pembroke. Din il-biċċa art tmiss mill-Majjistral ma' Triq il-Kurunell Cocks, mill-Grigal ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar u mix-Xlokk ma' Triq Tunis, u li hi delineata bl-aħmar fuq il-pjanta PD 2009_167 u li tinsab reġistrata mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern bħala Tenement no. E20723. (HAM 6/2005 vol. 2; L. 238/2005).

(6) Blokk appartamenti u *garages* fi Triq Jean De La Cassiere, San Pawl il-Baħar, li jikkonsisti f'24 appartament bi dħul minn Entraturi 2 - 4, *substation* wieħed u 34 *garages*, ta' madwar 2,130 metru kwadru. Din l-art tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern mogħtija b'ċens temporanju, mil-Lbiċ

ma' Triq Jean De La Cassiere, u mill-Grigal ma' proprjetà privata. Din l-art tinsab reġistrata mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern bħala Tenement no. E20679 u kienet tifforma parti minn Tenement no. 50965, u li hi delineata bl-aħmar fuq il-pjanta PD 2008_279 minbarra l-area mpinġija b'linji paralleli ħomor li mhix qegħda tiġi trasferita billi mhix proprjetà tal-Gvern. (HAM 41/99 vol. 4).

(7) Biċċa art, magħrufa bħala Plot 42, ta' madwar 231.63 metru kwadru, li tifforma parti mill-Qasam tad-Djar f'Ta' Kerċem fi Triq il-Ġojjin kantuniera ma' Triq is-Summien, Kerċem, Għawdex, reġistrata bħala Tenement no. Z41176. Din il-biċċa art tmiss mill-Grigal u mix-Xlokk ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar, u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern, u li tinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet reġistrata bħala parti minn Z50223, u li hi delineata bl-aħmar fuq PD 2009_653. (HOS 286/85; LSG 598/76).

(8) Flat nru. 4, Blokk 9, Bieb A, Triq it-Tulipani, San Ġwann (Tenement No. 69893 – RTB 36/2008).

(9) Dar bin-numru 3, "Ednor", Triq il-Lellux, Santa Luċija (Tenement No. 68443 – RTB 50/2008).

(10) *Garage* fis-sotterran, inkluża d-*drive-in*, kif delineata bl-aħmar fuq ilo-pjanta P.D. 2009_663, taħt id-dar bin-numru 30, Triq Ferdinando Falzon, Żurrieq (Tenement No. 71776 – HA 608/96).